**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 16 ta' Gunju, 2025**

**Rikors Guramentat Nru: 630/2022 AF**

**Frank Sammut**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kostituzzjonali tar-rikorrenti Francis *sive* Frank Sammut, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Nhar id-19 ta’ Frar 2013 l-esponent gie mressaq taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u ġie maħruġ ordni ta' frizar fil-konfront tiegħu.

Nhar it-28 ta’ Frar 2013 l-ordni ta' ffrizar oriġinarjament magħmul fil-proċeduri penali kien ġie revokat in kwantu jirrigwarda s-soċjetajiet kollha li fil-konfront tagħhom dan l-ordni ta’ ffrizar kien ġie maħruġ u għalhekk l-ordni ta’ ffrizar oriġinarjament maħruġ fid-19 ta’ Frar 2013, baqa’ fis-seħħ biss in kwantu jirrigwarda dawk l-assi li jappartjenu lill-akkuzat f'ismu proprju.

Nhar il-11 ta’ Awwissu 2014 l-esponent irrikonoxxa ruhu debitur versu d-Dipartiment tat-Taxxi Interni fl-ammont ta' tlettax-il elf, erba’ mija u tnejn u ħamsin ewro (€13,452), hekk kif jidher mill-kopja tal-kuntratt hawn annessa u mmarkata bħala Dok. FS1 u dana wara li ġie intimat mill-istess Kummissarju tat-Taxxi.

L-esponent beda jagħmel pagamenti regolari sabiex jonora dan l-imsemmi kuntratt. Fil-fatt l-ewwel pagament ta’ elfejn, sitt mija u tnejn u ħamsin ewro (€2,652) ġew mħallsa permezz ta' *cheque* maħruġ minn martu nhar l-1 ta’ Settembru 2014, imbagħad martu kompliet tagħmel il-pagamenti permezz ta’ *cheque* fl-ammonti ta’ erba’ mija u ħamsin ewro (€450).

Però minħabba l-ordni ta' ffrizar li kien milqut biha l-esponent qatt ma seta’ jkompli jagħmel il-ħlasijiet.

Nhar it-28 ta' Marzu 2017 l-esponent intavola rikors fejn talab lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja joghgobha tawtorizza lill-Bank of Valletta sabiex mill-fondi f’kont bankarju li jappartieni lill-esponent u li kien milqut b’ordni ta’ ffrizar, titħallas it-taxxa dovuta (vide kopja tar-rikors hawn annessa u mmarkata bħala Dok. FS2).

Nhar il-15 ta' Ġunju 2017 xehed Dr. Renald Micallef fil-vesti tiegħu bħala awditur u avukat fejn huwa kien assista lill-esponent fil-kwistjoni tat-taxxa, izda l-Avukat Ġenerali fir-risposta tieghu datata 1-10 ta' Lulju 2017 irrileva illi tali dispozizzjoni ma kienitx sufficjenti sabiex issir l-evalwazzjoni neċessarja u irrileva wkoll illi jkun biss f'pozizzjoni li jagħmel dan ġialadarba jkun fil-pussess tat-traskrizzjoni tad-depozizzjoni tad-Direttur Ġenerali tat-Taxxi Interni.

B'konsegwenza tan-nuqqas tal-awtorizzazzjoni tal-Qorti, l-esponent rega' ma setgħax jibda jħallas dak dovut u dak li l-Kummissarju kien qed jesiġi li jħallas.

L-esponent irċieva ittra datata it-12 ta' April 2018 mill-Avukat Dr. Renald Micallef li ġab a konjizzjoni tal-esponent li huwa debitur versu d-Dipartiment tat-Taxxi Interni għas-snin 2003, 2004, 2005 u 2013 bl-ammont globali, inkluz il-penali impost fuqu u l-interessi li akkumulaw kien jammonta għas-somma ta' €285,039 (vide kopja annessa u mmarkata bħala Dok. FS3).

In vista tal-fatt illi l-Kummissarju tat-Taxxi rrikonoxxa illi n-nuqqas ta' ħlas kien qed jirrizulta minħabba l-ordni ta' ffrizar li biha kien milqut l-esponent, u in vista tad-diskrezzjoni mogħtija lill-istess Kummissarju skond il-Liġi, intlaħaq ftehim bejn il-Kummissarju u l-esponent illi jkun hemm riduzzjoni ta' tmenin fil-mija (80%) tal-penali u l-interessi, biex l-ammont dovut ġie ridott għal mija u tlieta u erbgħin elf, seba' mija u tlettax-il ewro (€143,713) (vide kopja annessa u mmarkata bħala Dok. FS4).

Nhar il-15 ta' Settembru 2020 l-esponent irċieva *demand notice* mid-Dipartiment tat-Taxxa sabiex l-ammont globali ta' mitejn u erba' u disgħin, ħames mija u zewġ ewro (€294,502) jigi mħallas fi zmien ħmistax-il jum (vide kopja annessa u mmarkata bħala Dok. FS5).

Permezz ta' ittra datata t-30 ta' Settembru 2020 l-esponent għarraf lid-Dipartiment bil-ftehim preċedentement milħuq u bil-fatt illi sabiex tali ħlas isir, jeħtieġ l-awtorizzazzjoni tal-Qorti (vide kopja annessa u mmarkata bħala Dok. FS6).

Sussegwentement permezz ta' rikors datat id-9 ta' April 2021 l-esponent għal darb'oħra talab lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja sabiex jogħġobha tawtorizza lill-Bank of Valletta sabiex mill-fondi f'kont bankarju li jappartjeni lill-esponent u li kien milqut b'ordni ta' ffrizar, titħallas it-taxxa dovuta u dan wara li tiġi appuntata seduta għas-smiegħ sabiex jixhed id-Direttur tat-Taxxi Interni hekk kif rikjest mill-Avukat Ġenerali fir-risposta tat-talba preċedent (vide kopja annessa u mmarkata bħala Dok. FS7).

Filwaqt illi l-Avukat Ġenerali ma kellu l-ebda oġġezzjoni għat-talba sabiex ir-rikors jigi appuntat għas-smiegh, huwa irrizerva li jwieġeb għat-tieni talba tal-esponent b'mod definittiv (vide kopja annessa u mmarkata bħala Dok. FS8).

Nhar l-24 ta' Gunju 2021 xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ppreseduta mill-Magistrat Dr. Astrid May Grima, Noel Mangion fil-vesti tiegħu ta' Manager għall-Kummissarju tat-Taxxi Interni (vide kopja tat-traskrizzjoni annessa u mmarkata bħala Dok. FS9).

Permezz ta' risposta ulterjuri datata d-29 ta' Novembru 2021 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. FS10) minkejja l-fatt illi kien xehed il-Manager għall-Kummissarju tat-Taxxi Interni u kkonferma dak illi kien ilu jistqarr l-esponent, l-Avukat Ġenerali oppona t-talba tal-esponent bir-raġuni mogħtija tkun issa illi l-provenjenza tal-fondi li permezz tagħhom ir-rikorrent qiegħed jiprospetta li jsir il-ħlas tat-taxxa timpinġi direttament fuq il-mertu tal-akkuzi.

Permezz ta' digriet mogħti nhar l-20 ta' Diċembru 2021, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ċaħdet it-talba tal-esponent għar-raġunijiet mogħtija mill-Avukat Ġenerali fir-risposta ulterjuri tiegħu (vide annessa u mmarkata bħala Dok. FS11).

B'dan id-digriet l-esponent mhux talli għal darb'oħra ġie mċaħħad milli jaqdi d-dmirijiet ċivili tiegħu u jħallas it-taxxi

minnu dovuti, izda talli ma kull jum illi jgħaddi qiegħed jinkorri iktar interessi illi qegħdin kontinwament jakkumulawlu.

Fil-fatt, sussegwentement, l-esponent irċieva ittra ufficcjali bin-numru 3380/2022 datata t-8 ta' Awwissu 2022 fejn il-Kummissarju tat-Taxxi interpellah sabiex fi zmien jumejn iħallas is-somma ta' mitejn u erba' u disgħin elf, ħames mija u zewġ ewro (€294,502) (kopja annessa u mmarkata bhala Dok. FS12).

Id-deċizjoni fil-konfront tal-esponent tikser għalhekk id-dritt fundamentali tar-rikorrenti għat-tgawdija paċifika tal-proprjetà tiegħu hekk kif sanċita fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-ECHR u l-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

L-Avukat Ġenerali ma huwa qed jiddejjaq xejn itawwal il-proċeduri inutilment a skapitu tal-esponent, u dan jidher ċar mill-fatt illi fir-risposta tiegħu ta' nhar l-10 ta' Lulju 2017 taha bħala raġuni għall-oġġezzjoni tiegħu l-fatt illi ma ttellgħax jixhed il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, izda meta imbagħad eventwalment ittella' jixhed il-Manager tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni hekk kif precedentement rikjest mill-Avukat Ġenerali, ma ġie mistoqsi ebda mistoqsija li setgħet b'xi mod wasslet għall-eventwali oppozizzjoni għat-talba tal-esponent, biex b'hekk renda x-xhieda inutili.

Intalbet din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi d-digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja nhar l-20 ta Diċembru 2021 jikser id-dritt fundamentali tar-rikorrenti għat-tgawdija paċifika tal-propjetà tiegħu hekk kif sanċita fl-artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-ECHR u l-Artiklu 37(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

2. Tagħmel dawn l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa fosthom sabiex id-digriet mogħti nhar l-20 ta' Diċembru 2021 jiġi revokat u konsegwentement l-esponent ikun jista jħallas il-pendenzi kollha li għandu mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni;

3. Tagħti dawk l-ordnijiet u provvedimenti oħra kollha li jidhriha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat, li permezz taghha gie eccepit illi:

Permezz tar-rikors promotur, ir-rikorrent qiegħed jallega li d-digriet mogħti mill-Qorti tal- Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja nhar l-20 ta' Diċembru 2021 jikser id-dritt fundamentali tar-rikorrent għat-tgawdija paċifika tal-proprjetà tiegħu hekk kif sanċiti fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali u l-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Huwa talab lil din l-Onorabbli Qorti tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa fosthom sabiex id-digriet mogħti nhar l-20 ta' Diċembru 2021 jiġi revokat u konsegwentement ir-rikorrent ikun jista' jħallas il-pendenzi kollha li għandu mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Talab ukoll lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tagħti dawk l-ordnijiet u provedimenti oħra kollha li jidhrilha xierqa u opportuni.

L-esponent jikkontesta l-allegazzjonijiet, il-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent bħala infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti, li qegħdin jitressqu mingħajr preġudizzju għal xulxin:

Preliminarjament, in kwantu r-rikorrent jallega li l-Avukat Ġenerali qiegħed itawwal il-proċeduri inutilment, jigi eċċepit li l-esponent ma huwiex il-leġittimu kontradittur.

Preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, in kwantu huwa ċar mir-rikors in risposta li l-azzjoni tar-rikorrent hija biex tattakka digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

bħala Qorti Istruttorja[1], l-esponent jeċepixxi n-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedji ordinarji quddiem il-Qorti ta' kompetenza kriminali bil-konsegwenza li ma ġewx eżawriti r-rimedji ordinarji *ai termini* tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tistħarreġ ulterjorament dan l-ilment, u dan a tenur tal-proviso tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-proviso tal-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-esponent jeċepixxi l-intempestività ta' dawn il-proċeduri stante li l-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent għadhom pendenti.

Fil-mertu u bla ħsara għas-suespost, jigi eċċepit li l-pretensjonijiet, l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk it-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom.

In kwantu l-ħruġ ta' Ordni ta' ffrizar u r-rimedji a disposizzjoni tar-rikorrent, l-Artikolu  Artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta jipprospetta tlett rimedji.  Dan l-Artiklu jipprovdi li

*(1) Meta persuna tiġi akkuzata taħt l-artiklu 3, il-qorti għandha fuq it-talba tal-prosekuzzjoni tagħmel ordni -*
*(a) li jissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali il-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew ikunu proprjetà tiegħu, u*
*(b) li jipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli:*

*Izda l-qorti għandha f'dak l-ordni tistabilixxi xi flejjes jistgħu jitħallsu lil jew jiġu ricevuti iżda l-qorti għandha f'dak l-ordni tistabbilixxi xi flejjes jistgħu jithallsu lil jew mill-akkużat fil-waqt li jkun qed iseħħ dak l-ordni, fejn jigu specifikati l-għejjun, il-mod u modalitajiet oħra ta' ħlas, inklużi salarju, paga, pensjoni u benefiċċji soċjali li jitħallsu lill-akkużat, sabiex huwa u l-familja*

[1] Fid-digriet in kwistjoni l-Qorti ġiet indikata bħala 'Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali'

*tiegħu jitħallilhom għixien deċenti f'ammont, fejn ikun hemm mezzi biżżejjed, ta' tlettax-il elf u disa' mija u sitta u sebgħin euro u erba' u għoxrin ċenteżmu (13,976.24) fis-sena:*

*Iżda wkoll il-qorti tista' barra minn dan-*
*(a)* ***tawtorizza l-ħlas ta' djun*** *li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lil kredituri bona fide u li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni; u*
*(b) għal raġuni tajba tawtorizza lill-akkużat biex* ***jittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli***
*(...)*
*(3) Il-qorti tista' f'cirkostanzi partikolari* ***tibdel*** *dak l-ordni, u d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli ta' qabel għandhom japplikaw għal dak l-ordni kif hekk mibdul.'*
(Enfazi u sottolinear miżjud mill-esponenti.)

Fi kliem sempliċi, l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta jikkontempla tlett rimedji għal ċirkostanzi differenti li jistgħu javveraw rwieħhom matul proċess kriminali: il-ħlas ta' kredituri *bona fide* li kellhom krediti mal-akkużat qabel il-ħruġ tal-ordni ta' ffrizar, it-trasferiment ta' mobbli u immobbli għal raġuni tajba, u finalment, ir-rimedju ġenerali prospettat fis-subartikolu (3).

B'żieda ma dan, l-Artikolu 23A(5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *'L- akkużat għandu fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-data ta' meta saret l-ordni taħt is- subartikolu (2) jagħmel talba lill-Qorti Kriminali għar-revoka tal-ordni sakemm dik l-ordni maghmula taħt is-subartikolu (2) tibqa' fis-seħħ sakemm ma tkunx revokata mill-Qorti Kriminali'.*

Dwar l-ilment tar-rikorrent dwar id-digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja[2] nhar 1-20 ta' Diċembru 2021, l-esponent jispjega li wieħed għandu jqis ir-*ratio legis* ta' ordnijiet ta' ffriżar. L-esponent ifakkar li r-rikorrent ġie akkużat b'reat serju ta' ħasil ta' flus, fost reati gravi oħra. L-Ordni ta' ffrizar u qbid tal-assi hi miżura provizorja ta' kontroll ta' proprjetà sabiex tiżgura li proprjetà li ġiet akkwistata b'attività

[2] Fid-digriet in kwistjoni l-Qorti ġiet indikata bħala 'Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali'

illeċita li tkun twettqet b`detriment għall-komunità, f'każ ta sejbin ta' ħtija tkun tista' tiġi konfiskata. L-iffrizar tal-assi jsir fl-interess ġenerali sabiex min jagħmel il-ġid minn reat kriminali ma jieħux benefiċċju minn tali attività illeċita. Naturalment ġialadarba Ordni ta' ffrizar u qbid tinħareġ sabiex flejjes li allegatament għandhom provenjenza illeċita ma jintużawx, bl-istess mod l-Onorabbli Qorti fid-digriet in kwistjoni ġustament ċaħdet it-talba abbazi tar-raġuni mogħtija fir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata d-29 ta' Novembru, 2021 u cioè li kien qiegħed jopponi t-talba ġialadarba *'r-rikorrent huwa akkużat li kkommetta r-reat ta' money laundering u stante li għalhekk il-provenjenza tal-fondi li permezz tagħhom ir-rikorrent qiegħed jiprospetta li jsir il-ħlas tat-taxxa timpingi direttament fuq il-mertu tal-akkużi odjerni'*. L-Ordni ta' ffrizar u qbid tibqa' fis-seħħ sakemm ikun hemm deċizjoni kkunisdrata bħala *res judicata*.

Relatat ma' dan, l-esponent jissottometti li ordni ta' ffrizar hi għodda tal-Prosekuzzjoni li sservi żewġ (2) għanijiet. L-ewwel għan huwa li tiżgura li fil-mument li tinħareġ, l-assi kollha tal-persuna milquta huma sekwestrati u ma jkun jista' jsir ebda trasferiment tagħhom. L-iskop ta' dan huwa manifest u ċar. Kjarament hemm ħtieġa li meta persuna tiġi mixlija bil-hasil ta' flus, hemm bżonn li tittieħed miżura kawtelatorja sabiex jiġi żgurat li r-rikavat ta' dak ir-reat ma jkunx jista' jinħeba, jitberbaq jew b'xi mod jew ieħor ma jkunx aktar jista' jiġi rintraċċat. Din il-miżura hi neċessarja, imqar biex jiġi żgurat li jekk dik il-persuna tiġi misjuba ħatja, hi ma tkunx tista' xorta waħda tgawdi l-frott tal-illegalitajiet li tkun wettqet.

Dwar dan il-punt, referenza ssir għas-sentenza fl-ismijiet Angelo Zahra vs. L-Avukat Ġenerali[3] fejn intqal:

> *"Illi, fil-każ preżenti, l-interess ġenerali f'Ordni ta' Iffrizar maħruġ taħt l-artikolu 22A tal-Kap. 101 joħroġ mir-regola ġenerali li, fejn hemm is-suspett li twettaq reat, it-teħid ta' miżuri konservattivi maħsuba biex, safejn huwa possibbli, ma jitħalliex li ġid jew patrimonju li jkun il-frott ta' xi attività kriminali jisfaxxa fix-xejn jew jinħeba, huwa dejjem fl-*

[3] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-22 ta' Ottubru, 2019.

*interess tas-soċjetà in ġenerali. Għalhekk, Ordni bħal dan jissarraf f'mizura proċedurali kawtelatorja, temporanja u meħtieġa, sakemm jintemmu l-proċeduri kriminali li taħthom ikun ingħata dak l-Ordni. Ordni bħal dak jista' jixxiebah ma' mandat ta' sekwestru kawtelatorju bħalma wieħed isib fil-qafas ta' proċediment civili,"*

Għal kull buon fini, tajjeb jingħad li d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 22A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta huma simili għal dawk fl-Artikou 5 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta.

<u>It-tieni għan</u> ta' ordni ta' ffrizar huwa sabiex jiġi żgurat li fl-eventwalità li tinstab ħtija, ikun jista' jiġi żgurat l-enfurzar tas-sentenza mogħtija. Il-liġi stess espliċitament tipprovdi għal dan il-kunċett, magħruf aħjar bħala *value confiscation* fl-Artikolu 3(5)(b) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li:

*"Meta r-rikavat li jkun ġej mir-reat ikun tberbaq jew għal xi raġuni oħra li tkun dak ir-rikavat ma jkunx jista' jiġi identifikat u konfiskat jew tiġi ordnata l-konfiska ta' proprjetà bħal dik li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, il-qorti għandha twaħħal lill-persuna li tinsab ħatja jew lill-korp magħqud, jew lill-persuna li tinsab ħatja u lill-korp magħqud solidalment, skont il-każ, biex tħallas multa li tkun ekwivalenti għall-ammont tar-rikavat li jkun ġej mir-reat. Dik il-multa tkun tista' tinġabar bħala dejn ċivili u għal dan l-għan is-sentenza tal-qorti għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti Organizzazzjoni u Procedura Civili".*

Għalhekk, il-proprjetà preżentement milquta minn ordni ta' ffrizar tibqa' soġġetta għall-konfiska peress li tkun tista' sservi biex titħallas multa mposta f'każ ta' sejbien ta' ħtija. L-Artikolu 3(5)(a) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi għal konfiska tal-proprjetà kollha tal-akkużat fl-eventwalità ta' sejbien ta' ħtija. Għalhekk Qrati b'kompetenza kriminali huma korretti li joqgħodu lura milli jagħtu provvedimenti li jistgħu jinoltraw fil-mertu tal-każ. B'żieda ma' dan, wieħed ma jistax jinsa, li hemm il-kunċett ta' *intermingling of proceeds*. Kien jinkombi fuq ir-rikorrent li jipprova li l-flejjes li bihom qiegħed

jiproponi li jħallas ġejjin minn provenzjenza leċita, prova li baqgħet ma tresqitx. L-esponent jagħmel ukoll referenza għal fatt li f'każ li r-rikorrent jinstab ħati u tinħareġ ordni ta' konfiska, ir-rikorrent u kull persuna oħra li jkollha interess tista' tibda azzjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi) skond dak li jipprovdi l-artikolu 7 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta.

Id-digriet li qiegħed jiġi attakat huwa kompatibbli ma' dak li tipprovdi d-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-iffrizar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea. Il-preambolu (26) ta' din id-Direttiva jipprovdi li:

> *"Konfiska twassal għaċ-ċaħda definittiva minn proprjetà. Madankollu, il-preservazzjoni ta' proprjetà tista' tkun prerekwizit għal konfiska u tista' tkun ta' importanza għall-eżekuzzjoni ta' ordni ta' konfiska. Proprjetà tiġi ppreservata permezz ta' ffriżar. Sabiex jigi evitat li l-proprjetà tintefaq qabel toħroġ l-ordni ta' ffrizar l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandu jkollhom is-setgħa li jieħdu azzjoni immedjata biex jissalvagwardjaw tali proprjetà."*

Filwaqt li l-artikolu 7.1 tal-imsemmija Direttiva jipprovdi li:

> *"L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ikunu jistgħu jiffriżaw proprjetà fid-dawl tal-possibbiltà li tiġi kkonfiskata sussegwentement. Dawk il-miżuri, li għandhom jiġu ordnati minn awtorità kompetenti, għandhom jinkludu azzjoni urġenti li għandha tittieħed fejn meħtieġ biex tiġi preservata l-proprjetà."*

Għandu jiġi mfakkar li r-reat ta' *money laundering* huwa uniku ħafna, fis-sens li hemm inverżjoni tal-provi għal fuq l-akkużat jekk il-Prosekuzzjoni ġġib prova li l-akkużat ma jkun taha l-ebda spjegazzjoni raġonevoli għall-provenjenza tal-flejjes u proprjetà. In kwantu t-talba sabiex minn kont bankarju partikolari titħallas it-taxxa dovuta mir-rikorrent, ir-rikorrent ma ressaqx prova dwar il-provenjenza ta' dawn il-flejjes u għaldaqstant il-Qorti ġustament cahdet it-talba. B'żieda ma' dan, irriżulta ukoll li l-

Ordni ta' ffrizar ħarġet fid-19 ta' Frar, 2013 u mix-xhieda ta' Noel Mangion, Manager għall-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata l-24 ta' Ġunju 2021 jirriżulta li t- taxxa li r-rikorrent qiegħed jitlob li titħallas tirrigwarda s-snin ta' stima elfejn u tlieta (2003), elfejn u erbgħa (2004), elfejn u ħamsa (2005) u elfejn u tlettax (2013). Skond l-Artikolu 5(1)(a) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ***tista' tawtorizza l-hlas ta' djun*** *li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lil kredituri bona fide u li* ***jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni***' (Enfazi u sottolinear mizjud mill-esponent) u għalhekk sabiex jista' jiġi utilizzat dan ir-rimedji, jeħtieġ li d-djun ikunu saru qabel il- ħruġ tal-Ordni ta' ffrizar. Jirriżulta ukoll li r-rikorrent fil-proċeduri in kwistjoni huwa akkużat b'numru ta' reati serji, fosthom li għamel att ta' *money laundering* għal perjodu bejn is-sena 2000 u s-sena 2007 u fejn kif ingħad jirriżulta li t-taxxa li qiegħda tintalab li titħallas skond ix-xhieda ta' Noel Mangion tirrigwarda s-snin ta' stima elfejn u tlieta (2003), elfejn u erbgħa (2004), elfejn u ħamsa (2005) u elfejn u tlettax (2013), għalhekk uħud mis-snin mertu tal-akkużi. Għaldaqstant ma huwiex il-każ li l-Avukat Ġenerali qiegħed itawwal il-proċeduri u fil-fatt jirriżulta li x-xhieda ta' Noel Mangion ma kienitx inutli kif jallega r-rikorrent. Għaldaqstant, id-deċiżjoni fid-digriet in kwistjoni datat l-20 ta' Diċembru, 2021 hija korretta u ma tilledix id- drittijiet fundamentali tar-rikorrent.

Meqjus dan kollu, ma hemmx ksur tal-**Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem Libertajiet Fondamentali kif anke riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta**. Huwa paċifiku li l-interferenza tal-Istat fuq l-użu tal-proprjetà tista' titqies bħala waħda permessibbli jekk:

a. Il-miżura mittieħda mill-Istat tkun saret taħt qafas legali;

b. L-iskop tal-miżura kien wieħed għal għan legittimu;

c. Il-miżura meħuda żżomm bilanċ ġust u proporzjonat bejn l-għan soċjali u l-ħtieġa li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien.

Ċertament li twaqqaf reat kriminali milli jseħħ jew ikompli jseħħ huwa fl-interess pubbliku. Skond il-proviso tal-istess artikolu, l-Istat għandu kull jedd li jgħaddi *'dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skont l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni'*. Id-digriet li qiegħed jiġi attakkat huwa għalhekk wieħed ġust u ma jilledix id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent. Tali mizura hija legittima, ġustifikata u proporzjonata u taqa' taħt l-interessi tal-Istat li jżomm is-sigurtà pubblika u dan sabiex jiġi evitat jew jitwaqqaf id-diżordni jew għemil kriminali u jiġi assigurat li flus li allegatament ġejjin minn reati ma jintużawx għal benefiċċju ta' min jikkommetti l-istess reati. Illi d-digriet in kwistjoni datat l-20 ta' Diċembru, 2021 huwa skond id-disposizzjonijiet tal-liġi u ma huwiex leziv id-dritt fundamentali tar-rikorrenti għat-tgawdija paċifika tal-proprjetà kif sanċita fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali.

Bla ħsara għas-suespost, safejn l-ilment tar-rikorrenti jolqot l-Artikolu 37 tal- Kostituzzjoni ta' Malta jingħad minnufih li dan l-artikolu ma japplikax għal dan il-każ, għaliex kif ġie konsistentement deċiż mill-Qrati tagħna, biex ikun hemm ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-ewwel u qabel kollox irid jirriżulta li hemm teħid totali ta' proprjetà mingħajr kumpens. F'każ ta' iffrizar u qbid tal-assi jkun hemm biss kontroll ta użu ta' proprjetà u ċertament mhux privazzjoni totali tal-proprjetà. Fil-fatt għalkemm tali ordni timponi fuq ir-rikorrent restrizzjonijiet dwar l-użu ta' dik il-proprjetà u minkejja li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ċaħdet [4]it-talba tar-rikorrent sabiex tawtorizza lil Bank of Valletta sabiex mill-fondi li hemm f'kont bankarju partikolari u li allegatament jappartieni lir-rikorrent titħallas it-taxxa dovuta, xorta jibqa' l-fatt li tali proprjetà għadha taħt il-patrimonju tar-rikorrent.

Bla ħsara għas-suespost, fi kwalunkwe każ, la l-artikolu Konvenzjonali u lanqas dak Kostituzzjonali ma jipproteġu d-dritt tal-godiment paċifiku tal-possedimenti jew proprjetà mingħajr restrizzjoni ta' xejn. Fil-fatt kemm l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni

[4] Fid-Digriet in kwistoni datat l-20 ta' Diċembru 2021, l-Qorti ġiet indikata bħala 'Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali'

ta' Malta kif ukoll l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jelenkaw r-restrizzjonijiet għal dan id-dritt. Il-liġi tal-iffrizar tal-assi hija intiza sabiex tipproteġi l-interess generali billi tassigura li flus allegatament derivanti minn reat ma jigux impjegati sabiex jissodisfaw debitu tal-akkużat u b'hekk ikunu qed jintużaw għal benefiċċju tiegħu. Għaldaqstant id-digriet in kwistjoni datat l-20 ta' Diċembru 2021 ma jilledix id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif sanciti fl-Artikolu 37, inkluż l-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

In kwantu qiegħed jiġi allegat li bid-digriet in kwistjoni ir-rikorrent ġià mċaħħad milli jaqdi d-dmirijiet ċivili tiegħu u jħallas it-taxxi minnu dovuti u fejn jallega li ma kull jum li jgħaddi qiegħed jinkorri iktar interessi li qegħdin kontinwament jakkumulawlu, l-esponent iwieġeb li l-esponent ma huwiex responsabbli għall-allegat nuqqas tar-rikorrent li jħallas it-taxxi minnu dovuti u l-konsegwenzi li dak in-nuqqas iġib miegħu. Id-digriet in kwistjoni huwa a tenur tad-disposizzjonijiet tal-liġi, fil-kuntest tar-reati li bihom ir-rikorrent jinsab akkużat u cioè tar-reat ta' ħasil ta' flus fost reati serji oħrajn u fejn l-għan li għalih tinħareġ Ordni ta' ffrizar huwa anke sabiex jitwaqqaf l-użu ta' flus li jista' jkollhom provenjenza illeċita.

Bla ħsara għas-suespost, ma hemmx ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Ewwel (1) Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali.

Stante li ma hemmx leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, it-talbiet kollha tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda.

Strettament bla ħsara għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi li ssib ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent, dikjarazzjoni tkun suffiċenti u ma hemmx lok għal għoti ta' rimedji oħra.

Bla ħsara għas-suespost, in kwantu għat-tieni (2) talba sabiex din l-Onorabbli Qorti tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa fosthom sabiex id-digriet datata l-20 ta' Diċembru 2021 jiġi revokat u li konsegwentement ir-rikorrent ikun jista' jħallas il-

pendenzi kollha li għandu mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, l-esponent iwieġeb li din it-talba għandha ukoll tiġi michuda. Hija l-Qorti ta' kompetenza penali li għandha l-atti quddiemha li tista' tevalwa u tiddeċiedi jekk huwiex il-każ li tawtorizza tali ħlas o meno. Gialadarba il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ċaħdet [5]it- talba tar-rikorrent, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi li tilqa' t-tieni (2) talba, jkunu qegħdin jiġu mxekkla l-għanijiet li għalihom inħarġet l-Ordni ta' ffrizar u qbid.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant, l-esponent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent, bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawża inkluż id-dokumenti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet li ressqu l-partijiet rispettivament.

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat illi din hija sentenza dwar ordni ta' ffriżar tal-assi maħruġa mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ai termini tal-Artikolu 5 tal-Kap. 373 u l-Artikolu 23A tal-Kap. 9. Ir-rikorrenti jikkontendi li konsegwenza tal-imsemmija ordni huwa qiegħed iġarrab vjolazzjoni tad-dritt tiegħu għat-tgawdija paċifika tal-proprjetà tiegħu kif dan il-jedd jinsab imħares ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u dan peress illi l-ordni ta' ffriżar qed tikkommina fuqu piena konsegwenzjali drakonjana għall-aħħar partikolarment fid-dawl tal-fatt li huwa mhuwiex ħati ta' reat.

[5] Fid-Digriet in kwistoni datat l-20 ta' Diċembru 2021, l-Qorti ġiet indikata bħala 'Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali'

Mill-atti jirriżulta illi:

i. Fid-19 ta' Frar 2013 ir-rikorrenti tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja akkużat fost l-oħrajn b'reati ta' tixħim, korruzzjoni u ħasil ta' flus.

ii. Fl-istess seduta l-Qorti laqgħet it-talba tal-prosekuzzjoni u ai termini tal-Artikolu 5 tal-Kap. 373 u l-Artikolu 23A tal-Kap. 9 ordnat l-iffriżar tal-ġeneralità tal-assi tal-imputat kif ukoll tal-assi ta' diversi soċjetajiet reġistrati f'ismu jew minnu rappreżentati.

iii. Fit-28 ta' Frar 2013 il-Qorti rrevokat l-ordni ta' ffriżar fir-rigward is-soċjetajiet kollha li fil-konfront tagħhom kienet inħarġet l-ordni waqt illi ordnat illi l-ordni ta' ffirżar tibqa' fis-seħħ fir-rigward l-assi kollha proprjetà tar-rikorrenti.

iv. Fil-11 t'Awwissu 2014 ir-rikorrenti rrikonoxxa ruħu bħala debitur tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni għas-somma ta' €13,452 u f'dan ir-rigward beda jgħaddi pagamenti regolari akkont tas-somma dovuta. L-ewwel pagament fis-somma ta' €2,652 u t-tieni pagament fis-somma ta' €450 tħallsu minn mart ir-rikorrenti.

v. Stante l-ordni ta' ffriżar fuq l-assi u l-kontijiet bankarji proprjetà tiegħu, ir-rikorrenti sab ruħu f'sitwazzjoni fejn ma setax ikompli jħallas lid-Dipartiment tat-Taxxa dak dovut minnu.

vi. Fit-28 ta' Marzu 2017 ir-rikorrenti ntavola rikors quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fejn talab lill-Qorti tawtorizza lill-Bank of Valletta plc sabiex iħallas id-dejn mad-Dipartiment tat-Taxxa minn kont f'isem ir-rikorrenti.

vii. L-Avukat Ġenerali wieġeb għar-rikors tar-rikorrenti tat-28 ta' Marzu 2017 billi osserva li l-evalwazzjoni dwar it-talba tar-rikorrenti setgħet issir biss wara li jirċievi traskrizzjoni tad-deposizzjoni tad-Direttur Ġenerali Taxxi

interni. In vista ta' dan il-Qorti għaddiet sabiex tiċħad it-talba tar-rikorrenti kif riflessa fir-rikors tiegħu tat-28 ta' Marzu 2017.

viii. Fit-12 ta' April 2018 id-Dipartiment tat-Taxxa nterpella lir-rikorrenti sabiex iħallas is-somma ta' €285,039 riferibbilment għas-snin 2003, 2004, 2005 u 2013 inkluż penali u nteressi.

ix. Wara li r-rikorrenti u l-Kummissarju tat-Taxxi daħlu f'diskussjonijiet, il-Kummissarju tat-Taxxi għaraf li n-nuqqas ta' ħlas kien kawża ta' ordni ta' ffriżar u għalhekk il-partijiet waslu fi ftehim għar-riduzzjoni tal-penali u l-interessi bi 80% u għalhekk it-total dovut mir-rikorrenti niżel għas-somma ta' €143,713.

x. Fil-15 ta' Settembru 2020 ir-rikorrenti rċieva *demand notice* sabiex iħallas is-somma ta' €294,502 fi żmien 15-il ġurnata.

xi. Fit-30 ta' Settembru 2020 ir-rikorrenti nforma lill-Kummissarju tat-Taxxi dwar l-arranġament li kien intlaħaq preċedentement għar-riduzzjoni tal-penali u l-interessi.

xii. Fid-9 t'April 2021 ir-rikorrenti ntavola rikors ieħor quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fejn talabha tawtorizza lill-Bank of Valletta plc sabiex iħallas mill-kont tar-rikorrenti l-ammont dovut lid-Dipartiment tat-Taxxa u sabiex tiffissa seduta biex jixhed id-Direttur tat-Taxxi Nterni.

xiii. Fl-24 ta' Ġunju 2021 xehed ir-rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni.

xiv. Fid-29 ta' Novembru 2021 l-Avukat Ġenerali oppona għat-talba tar-rikorrenti għar-raġuni li l-provenjenza tal-fondi li bihom ir-rikorrenti ried iħallas it-taxxa, timpinġi direttament fuq il-mertu tal-akkużi.

xv. B'digriet tal-20 ta' Diċembru 2021 il-Qorti ċaħdet it-talba għar-raġunijiet mogħtija mill-Avukat Ġenerali.

xvi. B'ittra uffiċjali numru 3380/2022 tat-8 t'Awwissu 2022 il-Kummissarju tat-Taxxi nterpella lir-rikorrenti jħallas is-somma ta' €294,502 fi żmien jumejn.

**Rimedji Ordinarji**

Il-qofol tal-eċċezzjoni tal-intimati dwar in-nuqqas t'eżawriment tar-rimedji ordinarji tirreferi għal jekk fil-mument li r-rikorrenti ta bidu għall-proċeduri odjerni kellux ai termini tal-Artikolu 5 tal-Kap 373 u l-Artikolu 23A (5) tal-Kap. 9 rimedju ordinarju għal-lanjanza tiegħu.

Fiż-żmien rilevanti u sa qabel ma r-rikorrenti ntavola r-rikors odjern, l-Artikolu 5 tal-Kap. 373 kien jipprovdi hekk:

*(1) Meta persuna tiġi akkużata taħt l-artikolu3, il-qorti għandha fuq it-talba tal-prosekuzzjoni tagħmel ordni –*

*(a) Li jissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali il-flejjes u l-proprjeta' mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikujnu jmissu lill-akkużat jew ikunu proprjeta' tiegħu,*

*(b) li jipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi, jagħti b'raha, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli;*

*Iżda l-qorti għandha f'dak l-ordni tistabbilixxi xi flejjes jistgħu jitħallsu lil jew jiġu riċevuti mill-akkużat fil-waqt li jkun qed iseħħ dak l-ordni, fejn jiġu speċifikati l-għajjun, il-mod u modalitajiet oħra ta' ħlas, inklużi salarju, paga, pensjoni u benefiċċji soċjali li jitħallsu lill-akkużat, sabiex huwa u l-familja tiegħu jitħallilhom għixien deċenti f'ammont, ejn ikun hemm biżżejjed, ta' tlettax-il elf*

*u disa' mija u sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena:*

*Iżda wkoll il-qorti tista' barra minn dan –*

*(a) twtroizza l-ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lill-kredituri bona fide u li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni; u*
*(b) għal raġuni tajba tawtorizza lill-akkużat biex jittrasferixxi proprjeta' mobbli jew immobbli;*
*…*

*(3) Il-qorti tista' f'ċirkostanzi partikolari tbiddel dak l-ordni, u d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli ta' qabel għandhom japplikaw għal dak l-ordni kif hekk mibdul.*

Dan ifisser illi fiż-żmien rilevanti r-rikorrenti kellu għad-disposizzjoni tiegħu tlett rimedji ai termini tal-artikolu 5 tal-Kap. 373 u cioè:

i) Li l-Qorti tawtorizza l-ħlas ta' djun li jkunu ġew kuntrattati *in buona fede* qabel il-ħruġ tal-ordni ta' ffriżar;
ii) Tawtorizza t-trasferiment ta' proprjetà mobbli jew immobbli;
iii) Tbiddel l-ordni f'każ ta' ċirkostanzi partikolari.

Anki taħt l-Artikolu 23 A(5) tal-Kap. 9 kif kien ifformolat fiż-żmien relevanti jidher illi r-rikorrenti kellu għad-disposizzjoni tiegħu tlett ijiem tax-xogħol dekorribbli mill-ħruġ tal-ordni ta' ffriżar entru liema jirrikorri quddiem il-Qorti Kriminali u jitlob ir-revoka tal-ordni ta' ffriżar.

Fil-mori ta' dawn il-proċeduri, permezz tal-introduzzjoni tal-Att VI tal-2024 l-Artikolu 23A tal-Kap. 9 ġie emendat b'tant illi llum il-ġurnata l-iffriżar ta' proprjetà tal-persuna imputata b'reat ta' ħasil ta' flus huwa regolat mill-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta. Ai termini tal-38 (8)(ii) tal-Kap. 621 l-imputat għandu 7 ijiem tax-xogħol mid-

data tal-ordni ta' konfiska sabiex jirrikorri quddiem il-Qorti Kriminali u jitlob ir-revoka sħiħa jew in parte ta' dik l-ordni. Il-liġi kif emendata ċertament illi toffri lill-imputat possibilitajiet akbar sabiex jattakka ordni ta' ffriżar.

Permezz tal-azzjoni odjerna r-rikorrenti qiegħed jattakka mhux l-ordni ta' ffriżar *per se* iżda speċifikament id-digriet tal-Qorti tal-20 ta' Diċembru 2021 li bih il-Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrenti sabiex titħallas it-taxxa inkluża penali u nteressi minnu dovuti. Għalhekk, għad illi l-liġi kif emedata tipprospetta rimedju, dan ir-rimedju zgur illi ma jgħoddx għall-każ tar-rikorrenti. Primarjament għaliex issa għadda t-terminu kkontemplat fl-Artikolu 38(8)(ii) tal-Kap. 612. Fit-tieni lok ukoll għaliex il-liġi kif emendata ma toffrix rimedju biex wieħed jattakka d-digriet tal-Qorti. Sal-lum fil-fatt l-uniku rimedju disponibbli huwa dak ta' appell mis-sentenza finali.

Mill-atti jirriżulta li r-rikorrenti qatt ma talab ir-revoka tal-ordni ta' ffriżar fit-terminu mogħti lilu bil-liġi. Jirriżulta però illi fil-kors tal-proċediment quddiem il-Qorti Istruttorja kien hemm diversi istanzi fejn dik il-Qorti laqgħet it-talbiet tar-rikorrenti u ordnat il-varjazzjoni tal-ordni ta' ffrizar sabiex fost l-oħrajn titħallas faċilità ta' kreditu, jiġi likwidat *trust*, tissarraf xi polza tal-assikurazzjoni, fost l-oħrajn. Kien hemm ukoll żewġ istanzi fejn ir-rikorrenti talab varjazzjoni tal-ordni in kwistjoni għall-fini li titħallas it-taxxa iżda l-Qorti Istruttorja bid-digriet tagħha tal-20 ta' Diċembru 2021 għażlet li tiċħad it-talba tar-rikorrenti għar-raġunijiet mogħtija mill-Avukat Ġenerali.

Kif osservat il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Tristen Kyle Pisani vs L-Avukat Ġenerali et tas-7 t'Ottubru 2024, ordni ta' ffiriżar tolqot l-universalità tal-assi li l-imputat jista' jirċievi sakemm il-proċeduri fil-konfront tiegħu jgħaddu in ġudikat jew sakemm f'każ ta' sejbien ta' ħtija, is-sentenza tiġi eżegwita. Għalhekk, għad illi tul il-proċess kollu l-liġi tikkontempla l-possibilità ta' varjazzjoni ta' dik l-ordni, ma hemm ebda rimedju li jikkontempla r-revoka ta' dik l-ordni pendenti l-proċeduri tant illi l-liġi stess tgħid illi l-ordni għandha tibqa' fis-seħħ sat-tmiem tal-proċeduri jew sal-eżekuzzjoni tas-sentenza.

Għalhekk, għall-mistoqsija li tqum fid-dawl tal-eċċezzjoni sollevata mill-intimati in kwantu rimedji ordinarji disponibbli għar-rikorrenti, ir-risposta hija li, fiż-żmien meta ta bidu għall-proċeduri odjerni, r-rikorrenti ma kellux rimedju ordinarju disponibbli għalih sabiex jattakka d-digriet tal-Qorti li bih ġiet miċħuda t-talba tiegħu għall-varjazzjoni tal-ordni ta' ffriżar għall-fini li titħallas it-taxxa.

Stabbilit għalhekk illi r-rikorrenti huwa għal kollox sprovvist minn rimedju ordinarju sabiex jindirizza l-ilment tiegħu, il-Qorti sejra tiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuti u sejra di konsegwenza tgħaddi sabiex tistħarreġ il-mertu tal-vertenza u cioè jekk l-ordni ta' ffriżar hijiex qegħda sservi sabiex ir-rikorrenti jġarrab vjolazzjoni tad-drittijiet tiegħu għat-tgawdija tal-proprjetà.

L-ordni ta' ffiżar hija miżura kawtelatorja li kif tajjeb josservaw l-intimati hija ntiża sabiex min ikun ibbenefika inġustament minn qliegħ derivanti minn attività kriminali ma jkomplix jislet vantaġġ billi jberbaq dak il-ġid jew billi jitlef kull traċċa tiegħu. Tali miżura hija għalhekk maħsuba sabiex tippreżerva tali ġid li f'każ ta' sejbien ta' ħtija jiġi sekwestrat favur il-Gvern u finalment favur l-erarju pubbliku. Biss, anki jekk din l-ordni għandha għan leġittimu, il-ħruġ ta' ordni ta' din ix-xorta hija miżura estensiva li tħalli għad-disposizzjoni tal-imputat dak l-ammont minimu għall-aħħar kemm kemm jgħaddi. Ċertament, illi l-impatt ta' ordni ta' ffriżar jassumi piż ferm aktar sever meta l-proċeduri jtulu mingħajr ebda ħtija da parti tal-imputat kif huwa l-każ tal-lum.

Il-proċeduri fil-konfront tal-imputat ilhom għaddejjin mid-19 ta' Frar 2013, ben tnax-il sena. Mhux magħruf meta dawn sejrin jintemmu anki għaliex kif jirriżulta mill-atti, l-proċess li għadu fl-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni jirriżulta stultifikat għaliex għad irid isiru xi ittri rogatorji. Għalhekk, għalkemm il-proċess ilu pendenti għal tnax-il sena, ftit jidher li sar xi progress sinifikanti. Intant, il-ħajja tar-rikorrenti, li sal-lum jirriżulta għadu preżunt li huwa nnoċenti, ġiet imwaqqfa u mxekkla f'kull aspett tagħha.

L-intimati jargumentaw illi l-akkumulazzjoni ta' penali u nteressi huwa attribwibbli lir-rikorrenti li naqas pależement milli jħallas it-taxxa fil-ħin propizju. Jgħidu għalhekk illi li kieku r-rikorrenti ħallas tempestivament ma kienx ikun hemm riperkussjonijiet. Il-Qorti però ma tistax taqbel ma dan ir-raġunament. Hawnhekk mhux qed jitqies jekk ir-rikorrenti żbaljax jew le li ma ħallasx it-taxxa fil-ħin opprtun. Fil-verità dik hija kwistjoni li ma tidhol xejn mal-mertu ta' din il-vertenza fejn il-kwistjoni ċentrali tibqa' dik dwar jekk l-ordni ta' ffriżar hijiex qiegħda toħloq piż spropozjonat fuq ir-rikorrenti b'tant illi tilledi d-dritt tiegħu għat-tgawdija tal-possedimenti kollha tiegħu. F'dan il-kuntest il-Qorti qed tinkludi fil-kelma possedimenti ukoll dawk l-assi li r-rikorrenti sejjer jitlef għaliex irid isarrafhom fi ħlas ta' penali u nteressi. Naturalment għaliex li kieku ma kienx għall-ordni ta' ffriżar ir-rikorrenti ilu li ssalda d-debitu tiegħu fis-somma maqbula bejnu u bejn il-Kummissarju tat-Taxxi u b'hekk kien jiffranka l-akkumulu ta' penali u nteressi akbar – akkumulu li tant tela' li laħaq il-massimu permissibbli.

Fil-fehma tal-Qorti, anki jekk jibqa' l-fatt li l-ordni ta' ffriżar għandha għan leġittimu u hija ġustifikabbli fil-kuntest tar-reati li għalihom tinħareġ, din il-ġustifikazzjoni tixxellef meta l-proċess itul inutilment, mingħajr ħtija attribwibbli lir-rikorrenti u fuq kollox meta bħal fil-każ tal-lum ir-rikorrenti jiġi nġustament mgħobbi b'piżijiet sproporzjonati. Il-Qorti tagħmilha ċara li dak li qiegħed jingħad hawn illum m'għandu bl-ebda mod jimpinġi fuq il-ħtija o meno tar-rikorrenti għall-imputazzjonijiet addebitati lilu. Dak jibqa' mħolli għad-deċiżjoni tal-Qrati kompetenti. Biss, fl-ambitu tad-drittijiet tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-proprjetà tiegħu, din il-Qorti hija tal-fehma li d-digriet tal-20 ta' Diċembru 2021 huwa leżiv id-drittijiet tar-rikorrenti ai termini tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni peress li dan qiegħed iwassal għal nuqqas ta' proporzjonalità bejn l-interess ġenerali u d-drittijiet tar-rikorrenti. Hawnhekk il-Qorti qegħda tqis mhux biss il-fatt li l-ordni ta' ffriżar qiegħda sservi sabiex tikkontrolla l-assi u l-patrimonju tar-rikorrenti, iżda qiegħda tqis ukoll il-fatt li d-digriet tagħha tal-20 ta' Diċembru 2021 huwa biss konferma tal-argumenti tal-Avukat Ġenerali għaliex fid-digriet tagħha l-Qorti ma tat ebda raġuni għaċ-ċaħda abbażi tal-fatti tal-każ.

Fis-sentenza fl-ismijiet Shorazova vs Malta tat-3 ta' Marzu 2022, il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem siltet is-segwenti osservazzjonijiet fir-rigward ta' ordinijiet ta' ffriżar maħruġa b'rabta ma' reati taħt il-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Anki jekk il-każ tal-lum ma jittrattax ordni maħruġa taħt il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, l-osservazzjonijiet magħmula mill-Qorti f'dak il-każ huma relevanti anki għall-każ tal-lum. Ingħad hekk:

> *118. The Court further notes that the entirety of the applicant's assets held in Malta were frozen, and continued to be so, for nearly eight years. The only variations made by the domestic court (under Article 22A (3) of the Dangerous Drugs Ordinance) during that period, were of little significance since they did not lift the freezing order over any of the property. Save for the authorisation to make certain payments, they solely allowed for limited use and transfers of some of the property which was and remained affected by the freezing order. The relevant proceeds obtained from such transactions were also to be affected by the order (see paragraph 43 above) (see, a contrario, Karahasanoğlu, cited above, § 153). The remaining requests, as accepted by the Government, were rejected. Thus, the order remained far-reaching, despite the absence of any assessment as to any correlation to the 'charges' pending against the applicant (see paragraph 114 above), even assuming they were genuine and based on a persistent reasonable suspicion.*
>
> *…*
>
> *123. In the light of the above the Court considers that, in the procedure before the Criminal Court by which the freezing order was issued and repeatedly extended in the applicant's case, until July 2021, she was deprived of relevant procedural safeguards against an arbitrary or disproportionate interference.*

*The constitutional jurisdictions failed to rectify those omissions as they merely paid lip service to the relevant criteria in their assessment of the impugned measure (see paragraphs 58 and 66 above) which the applicant had claimed was in breach of her rights under Article 1 of Protocol No. 1. As a result, her property rights were rendered nugatory.*

Fis-sentenza fl-ismijiet Dzinic vs Croatia tas-17 t'Awwissu 2016 il-Qorti Ewropea tenniet illi:

*"60. The Court reiterates that the seizure of property for legal proceedings normally relates to control of the use of property, which falls within the ambit of the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1 to the Convention*.

*…*

*80. In these circumstances, the Court notes that the impugned seizure of the applicant's real property in the context of the criminal proceedings at issue, although in principle legitimate and justified, was imposed and kept in force without an assessment of whether the value of the seized property corresponded to the possible confiscation claim. The Court therefore finds that the application of such a measure was not adequate to demonstrate that a requirement of "fair balance" inherent in the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1 was satisfied."*

Il-Qrati tagħna diġa kellhom l-opportunita' li jesprimu ruħhom dwar il-piż ta' ordni ta' ffriżar. Hekk per eżempju fil-digriet tagħha tad-9 ta' Jannar 2022 fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta vs Brian Tonna et il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Kriminali osservat illi jkun għal kollox inġust li ordni ta' ffriżar testendi fuq assi li l-valur tagħhom jiżboq l-ammont allegatament rikavat mill-attività illegali. Żiedet tgħid illi jkun ferm aktar inġust li din

titħalla *in vigore* meta ma jirriżultax dħul illeċitu'[6]. Fuq l-istess binarju kienet id-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza tagħha tat-22 ta' Marzu 2022 fl-ismijiet Sebastian Dalli vs l-Avukat tal-Istat et fejn il-Qorti kkonkludiet illi tenut kont it-trapass taż-żmien, f'dak il-każ tnax-il sena, u l-imġieba tal-aġenti kollha tal-Istat fit-tmexxija tal-proċeduri, ir-rikorrenti kien ġarrab ksur tad-drittijiet tiegħu ai termini tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

Il-Qrati rritenew illi t-trapass taż-żmien li matulu damu għaddejjin il-proċeduri huwa wieħed mill-fatturi li jrid jittieħed in konsiderazzjoni meta tqis il-proporzjonalità tal-ordni ta' ffriżar li min-natura tagħha hija maħsuba bħala miżura temporanja. Fil-kawża fl-ismijiet Sebastian Dalli vs L-Avukat tal-Istat et deċiża fit-30 ta' Novembru 2022 il-Qorti Kostituzzjonali osservat illi t-trapass ta' tlettax-il sena minn meta nħarġet l-ordni ta' ffriżar u l-fatt li l-proċeduri kienu għadhom fi stadju tal-provi tal-prosekuzzjoni ma jistax aktar jitqies li l-miżura hija waħda temporanja. Il-Qorti Kostituzzjonali għamlet referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tas-sena fl-ismijiet Yassin Abdullah Kadi v. European Commission fejn ingħad hekk:

> "*…given that now nearly 10 years have passed since the applicant's funds were originally frozen—it is not now time to call into question the finding ... according to which the freezing of funds is a temporary precautionary measure that, unlike confiscation, does not affect the very substance of the right of the persons concerned to property in their financial assets but only the use thereof. ... In the scale of a human life, 10 years in fact represent a substantial period of time and the question of the classification of the measures in question as preventative or punitive, protective or confiscatory, civil or criminal seems now to be an open one*."

[6] Ara wkoll: Digriet 17 ta' Jannar 2002, ir-Repubblika ta' malta vs Yorgen Fenech; Digriet 17 ta' Jannar 2022, ir-Repubblika ta' Malta vs Vincent Buhagiar.

Il-Qorti Kostituzzjonali kompliet tgħid hekk:

> *30. Agħar minn hekk, kif huwa ammess mill-appellanti stess, l-appellat ma kellu l-ebda mezz sabiex jikkontesta dan l-Ordni, u ġie mpoġġi f'pożizzjoni mill-Istat li jibqa' jissubixxi l-Ordni tal-Iffriżar maħruġ kontra tiegħu fl-2009 sakemm il-kawża tiġi deċiża b'mod finali, ikun meta jkun dan u rrispettivament minn kwalunkwe ċirkostanza li setgħet żviluppat filfrattemp. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza flismijiet Shorazova v. Malta (QEDB, 03/03/2022) fejn intqal hekk:*
>
> *"…the importance of the procedural obligations under Article 1 of Protocol No. 1 must not be overlooked. Thus the Court has, on many occasions, noted that, although Article 1 of Protocol No. 1 contains no explicit procedural requirements, judicial proceedings concerning the right to the peaceful enjoyment of one's possessions must also afford the individual a reasonable opportunity of putting his or her case to the competent authorities for the purpose of effectively challenging the measures interfering with the rights guaranteed by this provision (see G.I.E.M. S.R.L. and Others, cited above, § 302 and the case-law cited therein). An interference with the rights provided for by Article 1 of Protocol No. 1 cannot therefore have any legitimacy in the absence of adversarial proceedings that comply with the principle of equality of arms, allowing discussion of aspects that are important for the outcome of the case.*
>
> *[omissis]*
>
> *According to the Court's case-law, the character of the interference, the aim pursued, the nature of property rights interfered with, and the behaviour of the applicant and the interfering State authorities*

*are among the principal factors material to the assessment of whether the contested measure respects the requisite fair balance and, notably, whether it imposes a disproportionate burden on the applicants (see Karahasanoğlu, cited above, § 149). While the length of time during which the restrictions remained in place is a crucial part of the Court's assessment, the scope and nature of restrictions as well as the presence or absence of procedural guarantees are no less relevant (ibid., § 151). Indeed in previous cases where lengthy precautionary measures gave rise to a violation of Article 1 of Protocol No. 1, the finding of a violation was based on an accumulation of factors (see for example JGK Statyba Ltd and Guselnikovas v. Lithuania, no. 3330/12, §§ 130-33, 5 November 2013, and Džinić, cited above, §§ 70-82)."*

*31. Għalkemm l-appellanti jgħidu li din is-sentenza appena ċitata mhijiex applikabbli għall-fattispeċi ta' dan il-każ peress li kienet titratta ċirkostanzi partikolari, il-prinċipji ġenerali li jistgħu jinstiltu minn din is-sentenza, u li huma bbażati fuq il-ġurisprudenza preċedenti tal-Qorti, huma applikabbli independentement mill-fatti partikolari tal-każ. Minn din is-sentenza huwa ċar li għalkemm ordni ta' iffriżar huwa miżura leġittima u fl-interess ġenerali (kif huwa aċċettat anke mill-appellat stess) il-Qorti għandha teżamina kemm il-garanziji proċedurali li jeżistu fil-liġi u kif ukoll iċ-ċirkostanzi kollha, inkluż id-dewmien taż-żmien tal-kawża sabiex tiddetermina jekk id-drittijiet fondamentali tal-akkużat sanċiti permezz talArtikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea humiex qed jiġu rispettati. Huwa ċar li dan mhuwiex il-każ hawnhekk għar-raġunijiet ġia spjegati, inkluż id-dewmien ta' żmien tal-proċeduri penali kontra lappellant u n-nuqqas tal-leġislatur li jpoġġi fis-seħħ għodda legali li tagħti lil qrati ordinarji l-poter li jeżaminaw jekk l-ordni għadux ġustifikat skont iċ-ċirkostanzi tal-każ.*

Il-Qrati sabu wkoll illi anki l-Artikolu 37 jgħodd għal dawk il-każijiet meta jitressaq ilment riferibbilment dwar ordni ta' ffriżar għaliex id-dritt li wieħed juża u jiddisponi mill-ġid tiegħu huwa wieħed mill-iprem libertajiet u drittijiet tal-proprjetà. Konsegwentment li wieħed jiġi mċaħħad milli juża ħwejjġu kif jixtieq jikkostitwixxi teħid tad-dritt ravviżat taħt l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni[7].

Stabbilit illi r-rikorrenti ġarrab ksur tad-drittijiet tiegħu kif dawn huma mħarsa ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, imiss issa illi l-Qorti tgħaddi għar-rimedju li jrid jingħata lir-rikorrenti. L-Avukat tal-Istat jgħid illi talvolta li l-Qorti ssib li r-rikorrenti ġarrab ksur tad-drittijiet tiegħu, dikjarazzjoni f'dan is-sens hija suffiċjenti. Il-Qorti però ħasbet fit-tul dwar liema rimedju huwa l-aktar idoneju fiċ-ċirkostanzi. Tqis illi idealment għandha tkun propju l-Qorti li qed tisma' l-kawża fil-konfront tar-rikorrenti li għandha tiddeċiedi dwar jekk għandux ikun hemm varjazzjoni tal-ordni ta' ffriżar sabiex jitħallas id-dejn kollu li r-rikorrenti għandu mad-Dipartiment tat-Taxxa. Dan għaliex dik il-Qorti ċertament illi għandha stampa aktar wiesa' u dettaljata tal-każ minn dik li għandha quddiema din il-Qorti. Madankollu il-Qorti kkonsidrat ukoll illi l-proċeduri fil-konfront tar-rikorrenti ilhom pendenti mis-sena 2013 u għadhom jinsabu fl-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni. Qieset ukoll li ma tantx donnu qed isir sforz da parti tal-awtortajiet tal-istat sabiex iħaffu l-proċess. Fuq kollox il-Qorti qieset li waqt li l-Avukat Ġenerali qiegħed jisħaq li l-flus li bihom trid titħallas it-taxxa jistgħu jimpattaw direttament fuq il-mertu tal-proċeduri kriminali, ma jirriżultax li ġie kwantifikat l-ammont mertu tar-reat addebitat lir-rikorrenti. Tqis għalhekk, illi jkun għal kollox inġust jekk fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti tħalli fis-seħħ u invarjat id-digriet tal-20 ta' Diċembru 2021. Li kieku din il-Qorti kellha tagħmel hekk flok illi tirrettifka s-sitwazzjoni u twaqqaf il-ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti, l-Qorti tkun qed tirreka dannu ultejuri lir-rikorrenti. Tqis għalhekk illi magħduda flimkien iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, id-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja għandu jiġi mħassar.

---

[7] Ara: George Tabone et vs L-Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali, 5 t'Awwissu 2018; Sebastian Dalli vs L-Avukat tal-Istat et, Qorti Kostituzzjonali, 30 ta' Novembru 2022

Din il-Qorti però sejra tmur oltre għar-raġuni li s-sempliċi revoka ta’ dak id-digriet mhijiex suffiċjenti fiċ-ċirkostanzi. Għalhekk, waqt illi tħassar u tirrevoka d-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja tal-20 ta’ Diċembru 2021, il-Qorti qegħda tordna li kull pendenza ta’ taxxa dovuta mir-rikorrenti titħallas minnufih minn fondi proprjetà tiegħu.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta’ u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha;

2. Tilqa’ l-ewwel talba kif dedotta u tiddikjara illi r-rikorrenti ġarrab leżjoni tad-dritt tiegħu tat-tgawdija paċifika tal-proprjetà tiegħu kif dan il-jedd jinsab imħares bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja;

3. Tilqa’ t-tieni talba u waqt illi tħassar u tirrevoka d-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja tal-20 ta’ Diċembru 2021, tordna li kull pendenza ta’ taxxa dovuta mir-rikorrenti titħallas minnufih minn fondi proprjetà tiegħu.

L-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri jitħallsu mill-intimati.

IMHALLEF

DEP/REG